II

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# IL-KUMMISSJONI U L-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Diċembru 2004**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra**

(2005/40/KE/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza u l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu tiegħu [1],

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni [2],

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew [3],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill mogħti skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea, fil-Lussemburgu fid-29 ta' Ottubru 2001.

(2) Id-disposizzjonijiet kummerċjali li jinsabu f'dan il-Ftehim huma ta' natura eċċezzjonali, marbutin mal-politika implimentata fil-qafas tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni u ma jikkostitwux, għall-Unjoni Ewropea, xi preċedent fil-politika kummerċjali tal-Komunità firrigward ta' pajjiżi terzi li mhumiex dawk tal-Balkani tal-Punent.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jaqgħu fil-firxa ta' applikazzjoni tal-Parti III, it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u l-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Komunità Ewropea, sakemm ir-Renju Unit jew l-Irlanda (kif ikun il-każ) jinnotifikaw lir-Repubblika tal-Kroazja li sar/et marbut/a bħala parti mill-Komunità Ewropea skond il-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka, skond il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-posizzjoni tad-Danimarka.

(4) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, l-Annessi u l-Protokolli annessi miegħu u d-dikjarazzjonijiet mehmuża ma' l-Att Finali huma b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

2. It-testi msemmija fl-ewwel subparagrafu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni [4].

[1] Il-Komunità Ewropea ħadet id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, wara l-iskadenza ta' din ta' l-aħħar fit-23 ta' Lulju 2003 (ĠU L 194, 23.7.2002, p. 35 u 36).
[2] ĠU C 332 E, 27.11.2001, p. 2.
[3] ĠU C 177 E, 25.7.2002, p. 122.

[4] Il-verżjoni lingwistika bil-Malti tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, ser tiġi ppubblikata wara li tkun ġiet approvata mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE — Kroazja.

*Artikolu 2*

1. Il-posizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fi ħdan il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni meta dan ta' l-aħħar hu mogħti s-setgħa li jaġixxi mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tiġi determinata mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jew, fejn xieraq, mill-Kummissjoni, kull wieħed skond id-disposizzjonijiet korrispondenti fit-Trattati.

2. Il-President tal-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 111 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jippresjedi l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, skond ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

3. Id-deċiżjoni li jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għandha tittieħed abbażi ta' kull każ mill-Kunsill u l-Kummissjoni rispettivament.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat jagħżel il-persuni li jiġu mogħtija s-setgħa, f'isem il-Komunità Ewropea, li jiddepożitaw l-att ta' notifika previst fl-Artikolu 127 tal-Ftehim. Il-President tal-Kummissjoni għandu jiddepożita l-atti ta' notifika msemmija f'isem il-Komunità tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2004

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| B. R. BOT | J. M. BARROSO |